

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 72/2014

tas-16 ta' Mejju 2014

## li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi għall-arseniku, il-kadmju, iċ-ċomb, in-nitriti, iż-żejt tal-mustarda volatili u impuritajiet botaniċi perikolużi <sup>(1)</sup> jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1334/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2008 fir-rigward ta' isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni u fir-rigward tad-doża rak-komandata ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) <sup>(2)</sup> jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-għalf. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-għalf ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 1zzzzzd (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1290/2008):

— **32013 R 1334:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1334/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 335, 14.12.2013, p. 12)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 33 (id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

— **32013 R 1275:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1275/2013 tas-6 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 86)."

## Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 1275/2013 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1334/2013 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

<sup>(1)</sup> ĠU L 328, 7.12.2013, p. 86.

<sup>(2)</sup> ĠU L 335, 14.12.2013, p. 12.

(\*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

---